MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Edward Ciantar
vs
AirMalta Company Limited u b' digriet tal-14 ta' Marzu 2000 giet korretta ghal p.l.c.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Lulju tas-sena 1989 u sussegwentement, huwa kien sofra ingustizzja meta saret jew inghatat bi pregudizzju ghall-istess rikorrent, distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita u dan billi r-rikorrent, li nonostante l-grad tieghu ta' Officer kien qed jaghti lis-socjeta` intimata servizz ta' Acting Assistant Manager, kien gie eskluz minghajr ebda raguni valida milli jkompli jinghata l-allowances li ghalihom huwa kien jikkwalifika minhabba dan is-servizz u konsegwentement huwa kien gie wkoll eskluz milli jinghata l-kariga ta'

Assistant Manager nonostante li huwa kien baqa’ jaghmel xoghol ta’ din il-kariga, ghal liema kariga huwa kellu l-kwalitajiet kollha necessarji.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej: Ir-rikorrent kien gie impjegat mas-socjeta` intimata f’Mejju tas-sena 1977 fil-grad ta’ clerk. Huwa kien jahdem fid-Dipartiment tal-Finanzi f’liema dipartiment huwa kien dam sas-sena 1993. Fis-sena 1981 huwa kien ha promozzjoni ghall grad ta’ Assistant Officer u aktar tard fl-1986 huwa kien gie promoss ghal Officer. Ir-rikorrent kien qaghad ukoll ghal diversi korsijiet li kienet torganizza s-socjeta` intimata minn zmien ghal zmien. Huwa kien serva wkoll f’ghadd ta’ dipartimenti fi hdan is-socjeta` intimata, f’liema dipartimenti huwa dejjem kellu rapporti tajbin mas-superjuri rispettivi tieghu.

Illi meta r-rikorrent kien fid-Dipartiment tal-finanzi huwa kien jaghmel xoghol ta’ Assistant Manager, liema xoghol huwa kien beda jaghmel f’Novembru tas-sena 1988 u ta’ dan huwa kien jiehu l-allowance rispettiv sakemm f’Lulju tas-sena 1989 huwa kien gie avzat illi kienet ser tohrog policy gdida fejn dawk l-allowances kellhom jispiccaw. Wara dan ir-rikorrent kompla jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel minghajr ma jiehu l-allowances rispettivi. B’sorpriza ghalih diversi persuni ohra fi hdan is-socjeta` intimata li kienu baqghu jaghmlu xoghol ta’ Acting Assistant Manager, bhalma kien qed jaghmel ir-rikorrent innifsu, baqghu jiehdu dawn l-allowances u konsegwentement inghataw ukoll il-kariga ta’ Assistant Manager. Ir-rikorrent min-naha l-ohra kienu twaqqfulu dawn l-allowances u ma kienx inghata l-kariga ta’ Assistant Manager nonostante li huwa kien baqa’ jaghmel ix-xoghol ta’ din il-kariga.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-

Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u jinghata r-rimedju billi jigi ordna:

1. Illi huwa jinghata l-grad ta’ Assistant Manager u s-seniority rispettiva tal-grad fih promoss b’sehh minn dik id-data li dan it-Tribunal jidhirlu opportuna u xierqa.

2. Illi tigi mhallsa lilu dik is-somma li dan it-Tribunal joghgbu jillikwida, liema somma tirraprezenta d-differenza fl-ammont ta’ dhul bhala income, allowances, jew beneficcji ohra li huwa ma hax u danni ohra minnu sofferti minhabba tali ingustizzja.

3. Jew inkella jekk dawn it-talbiet ma jistghux jintlaqghu li jigi ordnat li jithallas lir-rikorrent kumpens f’ammont ta’ Lm5000 jew somma ohra li dan it-Tribunal joghgbu jiffissa.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ l-AirMalta Co. Ltd. li eccepiet:

Illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda u dan ghar-ragunijiet segwenti:

a) Illi hija fid-diskrezzjoni tal-intimat li jiddeciedi liema xoghol jezigi l-allowance ghal substitution duties li qed jallega r-rikorrent.

b) Illi sabiex ir-rikorrent seta’ jkun eligibbli ghal promozzjoni huwa kellu jircievi din l-allowance ghal “substitution duties” ghal perjodu ta’ aktar minn sena.

c) Illi fil-kaz inkwistjoni r-rikorrent kien thallas tali allowance ghal perjodu ta’ tmien xhur fl-1989 u b’hekk ma giex eligibbli ghal promozzjoni.

d) Illi l-allowance kienet twaqqfet lir-rikorrent mhux kif qed jigi allegat li kien hemm policy gdida tal-kumpanija izda ghax il-Management kien iddecieda li x-xoghol li kien qed jaghmel ir-rikorrent kien kompatibbli mal-grad ta’

officer u mhux ma’ dak ta’ Assistant Manager. Madankollu l-intimat qatt ma kien talab rifuzjoni ta’ tmien xhur allowance li kien diga` thallas ir-rikorrent.

e) Illi inoltre ma kien ebda impjegat iehor fejn kien qed jahdem ir-rikorrent u li kien jaghmel l-istess xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent li kien jithallas “substitution duties” matul il-perjodu minn Jannar sa Awissu 1989.

f) Illi r-rikorrent kien hadem biss fil-Finance Department mill-1984 sal-1992 meta huwa stess kien talab transfer ghax “after all these years doing practically same work within Finance, I honestly feel I need new commitments.” (Appendix A)

g) Illi meta r-rikorrent kien gie trasferit Tripoli bhala Accounts Officer, ix-xoghol u l-imgieba tieghu ma kienux sodisfacenti tant li d-District Sales Manager fil-Libya kien ufficjalment ressaq l-ilment tieghu dwar dan. (Appendix B).

h) Illi l-persuni msemmija mir-rikorrent li kienu gew promossi dawna kollha gew promossi skond il-procedura normali u ghax kienu ghaddew mill-interviews (Appendici C, D, D1).

i) Illi ghalhekk ir-rikorrent kien inghata l-beneficcji kollha li grad tieghu jgib mieghu u f’certi okkazzjonijiet anke aktar.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghar-ragunijiet ohra li jistghu jinqalghu waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza l-intimat talab lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors u spjega li hu kien impjegat ta' l-Airmalta u kien jaqa' taht is-Sur Joe Sciberras li kien Assistant Manager Outstations. Wara kien lahaq Manager u r-rikorrent kien accetta li jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel hu ghalhekk kien qed jaghmel xoghol ta' Assistant Manager. Meta kellem lil Sciberras u nfurmah li hu dehrlu li kien intitolat ghal substitution pay peress li kien qed jaghmel xoghol ta' grad oghla minn dak li kellu, Sciberras ma sabx oggezzjoni. Kien kellem lill-General Manager Administration Dr. Andrew Borg Cardona, u kien qallu li mhix problema u infatti ghamel perjodu ta' disa' xhur jithallas substitution pay fil-grad ta' Assistant Manager.
Rigward ir-risposta ta' l-Airmalta qal li skond il-Collective Agreement jirrizulta li biex tiehu promozzjoni bhal fil-kaz tar-rikorrent trid tkun ghamilt sena biss tahdem fil-grad relattiv li ghalih tkun qed tiehu s-substitution pay. Ir-rikorrent kien jonqsu tliet xhur biss u qal li meta zammewlu s-Substitution Pay xorta baqa' jaghmel ix-xoghol ta' Assistant Manager u b'hekk kienu waqqfuh biex ma jiehux il-promotion awtomatikament. Is-Sur Ray Sladden kien qal lir-rikorrent li kienet ser tohrog Company Policy gdida. Ir-rikorrent ikkonferma li xogholu qatt ma nbidillu u baqa' jaghmlu sa l-1992. L-Outstation Unit fid-Dipartiment tat-Treasury & Expenditure kienet l-unika li ma kellhiex Assistant Manager grade.

Rigward il-kummenti tad-District Sales Manager ta' meta kien gie stationed Tripli qal li f'xi drabi kellu batti becchi ma' xi dirigenti tal-Bank fi Tripli, imma dan bl-ebda mod ma naqqaslu l-meritu tal-kwalita` tajba tax-xoghol tieghu kemm meta kien Tripli, kif ukoll meta gie lura Malta. Is-sitwazzjoni fi Tripli kienet frustranti minhabba dewmien esagerat u nuqqas ta' efficenza u u li din kienet taffetwa x-xoghol tieghu. Ir-rikorrent kien jinsisti maghhom ghall-importanza u l-urgenza tax-xoghol li qed jaghmel u fl-

istess hin kien jircievi struzzjonijiet mill-Head Office biex ihaffef il-procedura tat-Transfer of Funds lejn Malta. Qal li fi Tripli kienu jinqalghu spiss incidenti fejn huma kienu jigu mhedda. Semma li r-rapport li pprezentat il-kumpanija hu datat 14 Dicembru 1983, jigifieri ta' 5 jew 6 snin qabel. Ir-rikorrent ipprezenta rapport personali recenti dwaru li hu rapport tajjeb hafna.
Qal li gie promoss ghal Assistant Manager u kien ilu f'din il kariga ufficjalment minn Jannar 1999. Minn 1998 kien ghamel sena shiha bis-Substitution Pay. Semma li, li kieku ma waqqfulux ingustament is-Substitution Pay hu kien jiehu l-promotion ta' Assistant Manager b'mod awtomatiku f'Jannar 1990 u ghalhekk talab li jinghata l-grad backdated u jinghata kumpens.

It-trasferiment ir-rikorrent kien talbu fil-11 ta' Novembru 1992 u nghatalu f'Marzu 1993. Qal li gieli kien ikun hemm managers' meetings u r-rikorrent kien jattendi.

Xehed <u>Joseph Sciberras</u> li qal li ilu mal-Airmalta minn Jannar 1974 u dejjem hadem fid-Dipartiment tal-Finanzi. Qal li lir-rikorrent jafu ghax kien jahdem mieghu. Beda jahdem bhala clerk u meta beda jahdem ir-rikorrent ix-xhud kien Assistant Manager u kien responsabbli ta' l-Out Stations Section. Ir-rikorrent kien jahdem hemmhekk bhala officer mieghu, li jigi grad tahtu. Bhala Asstistant Manager kellu tahtu l-Accounts tas-sezzjonijiet kollha fil-finanzi u mhux ta' l-Outstations biss imbaghad meta mar jahdem ir-rikorrent kien fis-sezzjoni tal-Outstations biss u dan ghall-habta tal-1986 u lir-rikorrent kien diga' sabu hemm.

Ghall-habta tal-1987/1988 kien ha l-promozzjoni ghal Manager u rega' gie fuq is-sezzjonijiet kollha tad-Dipartiment tal-Finanzi u r-rikorrent kien ha over in charge mill-outstations section u kien senior tas-sezzjoni. Qal li hu u r-rikorrent ma kienux ta' l-istess fehma politika, izda qatt ma kellhom xi dizgwid dwar dan. Qal li jaf li r-rikorrent kien ha substitution pay ghal madwar 9 xhur u dan ifisser li jkun responsabbli ghas-section. Meta twaqqfitlu s-substitution pay ir-rikorrent baqa' jaghmel l-istess xoghol li kien qed jaghmel. Meta r-rikorrent kien

qed jiehu s-substitution pay, ix-xhud kien responsabbli mis-sezzjonijiet fil-Finance Department bhala manager. Kien il-General Manager Finance, li kien iffirma ghas-substitution pay tar-rikorrent u mhux ix-xhud. Qal li jaf li r-rikorrent twaqqfitlu s-substitution pay izda r-raguni ghalfejn ma jafx. Semma li meta x-xhud kien fis-section tal-Outstations, ir-rikorrent kien responsabbli biss mid-desk tieghu izda meta telaq ix-xhud, ir-rikorrent kien sar responsabbli tax-xoghol floku. Qal li biex tiehu s-substitution pay seniority tidhol ukoll u r-rikorrent kien l-aktar wiehed senior fis-sezzjoni.

Xehed Ray Avallone li semma li bejn Settembru 1988 u April 1994 kien Assistent Segretarju tat-Taqsima Port u Trasport tal-G.W.U. u meta xehed il-kariga tieghu ma' l-Air Malta kienet ta' Manager fl-Egittu. Qal li lir-rikorrent ilu jafu mindu dahal ma' l-Air Malta. Lir-rikorrent iddeskrivih bhala reliable hafna fuq ix-xoghol.

Ghall-habta tal-1990/91 kien baghat ghalih Anglu Fenech u kienet saret diskussjoni. Kien hemm Louis Grech, hu, Anglu Fenech u Albert Mizzi. Kien qed jigi diskuss li mal-kumpanija kien hemm xi impjegati fil-Cargo Section li kienu qed jaghmlu substitution duties u kien ser jigi deciz jekk dawn l-impjegati jinghatawx il-grad tas-substitution li kienu qed jahdmu fiha. Infatti minn dakinhar 'il quddiem min jaghmel sena f'substitution duties jiehu l-grad u din il-policy ghadha hemmhekk sa meta xehed. Qal li hu u Tony Zarb kienu ghamlu claim kemm-il darba fir-rigward tal-kaz tar-rikorrent illi twaqqaf mis-substitution duties li kien qed jaghmel, izda qatt ma ntqal xejn. Ir-rikorrent twaqqaf mis-substitution pay peress li x-xoghol li kien qed jaghmel precedentement huwa baqa' jaghmlu.

Dwar l-esperjenza tar-rikorrent fix-xoghol li ghamel fi Tripli qal li jammirah li mar jahdem f'dak il-post ghax apparti li f'dan il-post hadd ma kien ikun irid imur, ix-xoghol kien voluminuz, u fi Tripli kien hemm inkwiet peress kien hemm inkwiet politiku ghaddej anki ma' l-Egittu. Qal li l-pagi kienu hafna inqas milli kienu meta xehed u ghalhekk kien qed jaghmel sagrificcju kbir.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien persuna li kien kunsidrat mis-superjuri tieghu bhala persuna efficjenti u kapaci. Illi r-rikorrent qieghed jitlob li jinghata l-kariga ta' Assistant Manager u s-seniority rispettiva tal-grad u li jigi mhallas somma fid-differenza tal-hlas kif ukoll kumpens. Irrizulta li ghal zmien twil ir-rikorrent ghamel ix-xoghol ta' Acting Assistant Manager kemm ufficjalment u ta' dan thallas ghal tmien xhur kif ukoll ***de facto*** meta baqa' ghal zmien twil hafna jaghmel ix-xoghol ta' Assistant Manager pero` minghajr ebda titolu jew allowance. Irrizulta li fil-ftehim kollettiv kien stipulat li jekk persuna ddum taghmel dan ix-xoghol ghal perjodu ta' sena tiehu l-grad izda fil-fatt ir-rikorrent ghalkemm ghamel dan ix-xoghol de facto ghal zmien twil effettivament m' ghamilx l-istess xoghol taht kariga u ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal ma setax jibbenefika minn dak li jistipula l-ftehim kollettiv dwar promozzjoni awtomatika. Dan ifisser li r-rikorrent seta' jiehu l-promozzjoni in kwistjoni jekk johorgu applikazzjonijiet jew interviews ghal dan il-grad – haga li effettivament ma saritx u li ghalhekk ma setax jibbenefika minnha r-rikorrent. Dan ifisser li t-Tribunal ghalkemm ihoss li r-rikorrent ghal zmien twil ghamel xoghol superjuri ghall-grad tieghu taht ebda wiehed mill-aspetti fuq imsemmija ma jista' jilqa' t-talba tar-rikorrent halli hu jiehu l-promozzjoni.

Minn naha l-ohra rrizulta car li r-rikorrent kien efficjenti u kapaci u li ghak zmien twil ghamel xoghol superjuri ghall-grad tieghu liema raguni tintitola lill-istess rikorrent ghal kumpens. Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta' Novembru 2000 it-Tribunal sostna li impjegat li ghal zmien twil [f'dak il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b' hamsin persuna tahtu] u b' mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih id-dritt ghall-promozzjoni. Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000 u Anthony Micallef vs Awtorita' tad-Djar deciza 27 ta' Gunju 2002. Bl-istess mod ir-rikorrent odjern ghandu dritt ghall-kumpens.

Peress li ghalhekk isib l-ilment dwar kumpens gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------